# ISMIJIET TA' TOROQ ĠODDA F'BIRKIRKARA

**Jikteb Joseph A. Deacon**

**(Ix-xaqliba tal-Knisja l-Qadima u l-Istazzjon)**

**Triq il-5 ta' Diċembru 1630** . Din hija data memorabbli għal dawk il-Karkariżi li għandhom għal qalbhom il-prestiġju ta' pajjiżhom. Fil-5 ta' Diċembru twaqqfet l-ewwel kolleġġjata f'dawn il-gżejjer mill-Papa Urbanu VIII (1623-1644) li ħelisha għal kollox minn kull ħakma għax ried li jkollha x'taqsam direttament ma' Ruma biss. U kemm sabet postha ħelu, ħelu din it-triq qrib ħafna tal-knisja l-qadima li laqgħet fiha dın l-ewwel kolleġġjata?. (B'Kara Tagħrif 1981).

**Victor Cassar** (1550-1607) Arkitett, iben Ġlormu. Dan għex fil-perjodu bejn il-bini tal-Belt Valletta u t-tixrid ta' bini ieħor artistiku fil-knejjes ta' l-irħula. Kien l-arkitett tal-knisja l-qadima li tkompliet minn Tumas Dingli.

**Franġisku Zahra** (1680-1765) Pittur li għandu ħafna kwadri fil-Knisja Kolleġġjata u Bażilikata fosthom il-kwadru titulari (1763) u dawk laterali fil-kor.
(B'Kara Tagħrif, 1981)

**Frank A.B. Geneste** kien manager u direttur meta l-ferrovija kienet titħaddem mill-privat (private ownership) bejn is-snin 1883-1889).

**Emanuel Benjamin Vella** twieled il-Mosta fl-20 ta' Ġunju 1898. Huwa magħruf sew fil-qasam edukattiv. Kien ħabib ta' Sir Temi Zammit għax bħalu kien iħobb l-arkeoloġija u kienu jmorru jeskavaw flimkien. Fost il-kotba li kiteb insibu l-ġabriet ħelwin u mimlija tagħlim għaż-żgħar fil-"Ġabra ta' Ward". Vella kien iħobb l-istorja ta' Malta u huwa awtur tal-kotba: – Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk, tal-Mosta, tar-Rabat, ta' Ħal-Tarxien u Paola, ta' Ħaż-Żabbar, ta' Birkirkara u oħrajn. Miet fit-2 ta' Mejju 1946. Innotajt li f'ċerti ġurnali u anki xi rivisti edukattivi waqt li jkunu qed jagħtu xi tagħrif dwar il-kitbiet ta' dan il-bniedem jħallu barra "L-istorja ta' Birkirkara bil-kolleġġjata tagħha". Tgħid dan isir bi svista jew b'malinjità?

**28 ta' Frar 1883.** Din hija d-data tal-ġurnata meta l-Malta Railway ġiet inawgurata meta l-Arċisqof Karm Scicluna (1875-1888) flimkien ma' nies oħra mxew fi proċessjoni mill-knisja tal-Vitorja sa fejn l-istazzjon fil-Belt Valletta (fejn illum hemm il-Yellow garage). Hemm saret iċ-ċerimonja tat-tberik u inawgurazzjoni.

**Karm Zerafa** kien tifel ta' tlettax-il sena mill-Ħamrun li kien impjegat fl-uffiċċju tad-dipartiment ferrovjarju. Tilef ħajtu fl-istazzjon ta' Birkirkara meta ttanta jitla' fuq it-tren waqt li kien miexi, waqa' u safa' mgħaffeġ. Il-każ ġara f'Novembru 1918 (B'Kara Tagħrif, 1980).

**Karm Rizzo** kien l-aħħar manager tad-dipartiment tal-ferrovija fis-snin 1924-1931 meta din kienet taħt il-kontroll tal-Gvern. (Rigby B.L., The Malta Railway).

Lejn l-inħawi Ta' Paris hemm Triq Lawrence Gatt li kien l-ewwel manager bejn is-

snin 1892-1896 meta l-kumpanija għaddiet f'idejn il-Gvern. Din kienet tkun iżjed f'postha kieku kienet qrib Triq l-Istazzjoni li ssemmiet hekk għaliex dan kien wieħed mill-postijiet fejn il-ferrovija kienet tagħmel wieħed mill-waqfien tagħha.

**Philip Busuttil** ta' 16-il sena miet fl-ewwel ħbit mill-ajru ta' l-ajruplani taljani fil-11 ta' Ġunju 1940 fis-7.00 a.m. fil-Fortizza ta' Sant'Iermu fl-aħħar gwerra 1939-45.

**Karmenu Galea**, Karkariż, ta' 40 sena miet fl-istess jum ħdejn il-Bieb tal-Bombi. (B'Kara Tagħrif, 1980).

**Natale Tomasucci**, patri ġiżwita minn Messina li beda x-xogħol fuq il-proġett ta' l-akkwadott. Dan wassal l-ilma minn Diar Chaindul il-ġewwa mir-Rabat sa Ħ'Attard fi ġwiebi magħmula apposta taħt l-art. Dan il-proġett tkompla mill-inġinier **Bontadino de Bontadini** li wassal l-ilma fl-arkati ta' l-akkwadot sal-pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta fil-21 ta' April 1615. Din l-għajn tneħħiet fil-bidu tas-seklu XIX. (B'Kara Tagħrif, 1982).

**Il-Qanniċ** tal-ġbejniet huwa bħal ċattra kwadra 2x2 jew 1½ x 1½ u jkun magħmul mill-qasab. Jiddendel mis-saqal fil-kamra tal-ġbejniet.
Qanniċ ieħor jista' jkun tal-għelieqi magħmul mill-qasab twal imqaxxra biex ikunu jistgħu jagħtu kenn lis-siġar jew pjanti. F'Għawdex naraw ħafna egħlieqi sħaħ imdawrin bil-qanniċ.

**Misraħ San Alwiġi** issemma hekk biex jibqa' mfakkar il-Kulleġġ tal-Patrijiet Ġiżwiti li nbena fis-sena 1896 u fis-sena ta' wara fetħuh għall-istudji taħt id-direzzjoni tar-Rettur Manwel de Caro S.J. (Storja ta' B'Kara etc. p. 491).

**Triq l-Istazzjon** issemmiet hekk biex tfakkar il-ferrovija li tat is-servizz tagħha bejn it-28 ta' Frar 1883 u l-31 ta' Marzu 1931 meta spiċċat.

**Ix-Xorrox** għandu x'jaqsam ma' l-industrija tal-ġbejniet. Meta l-ħalib titfagħlu l-qtar jibda jagħqad u jsir baqta. L-ilma li jkun hemm fil-ħalib jingħażel għalih u joqgħod fil-qiegħ. Dan ikollu lewn isfar u jissejjaħ 'xorrox'. (A.F. Attard, Folklor).

---

***Il-Kumitat irodd ħajr lil dawk id-Ditti u individwi li rreklamaw f'dan il-ktejjeb.***

L-Editur jirringrazzja lill-Artikolisti ta' dan il-ktejjeb li huma Jospeh Mallia, Frans Pullicino, Fr. David Azzopardi, Mro. Clemente Sciberras, Joseph A. Deacon, Mro. John Theuma, Joe Zammit, Paul Mifsud, Anthony Carbonaro.